# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **953/22 AD**

## POLIDANO BROTHERS LIMITED (C-8884)

**VS**

## GRIMA CONCRETE SUPPLIERS LIMITED (C-71933)

**Seduta ta' nhar It-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal dikjarazzjoni illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-soċjeta' attrici fis-somma ta' wiehed u sittin elf, erba' mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€61,451.81) rapprezentantanti bilanc ta' prezz ta' meterjal ta' kostruzzjoni u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-soċjeta' attrici, liema talba saret permezz ta' rikors tas-soċjeta' Polidano Brothers Limited preżentat fit-tmintax (18) ta' Ottubru 2022 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta’ rikors ġuramentat preżentat nhar it-tmintax (18) ta’ Ottubru 2022, Paul Polidano bhala direttur tas-socjeta’ attrici Polidano Brothers Limited, ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

   a. Illi s-socjeta’ attrici hija kreditrici tas-socjeta’ kovenuta fl-ammont ta’ wiehed u sittin elf, erba’ mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€61,451.81), rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ materjal tal-kostruzzjoni kif jirrizulta mill-istatement of accounts hawn annessa u mmarkata Dok PB1.

   b. Illi ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet interpellata ripetutament sabiex thallas l-imsemmi ammont u minkejja weghdiet da parti tal-istess socjeta’ konvenuta li ser thallas dan l-ammont, hija baqghet inadempjenti.

   c. Illi s-socjeta’ esponenti kellha ghaldaqstant tintavola mandat ta’ sekwestru kawtelatorju quddiem din l-Onorabbli Qorti (kopja hawn anness u mmarkata Dok PB2) kontra s-socjeta’ konvenuta ghal dan l-istess ammont, u dan in kawtela tal-istess ammont dovut lilha skont l-annessa statement of accounts.

   d. Illi dawn il-fatti huma maghrufa personalment mill-esponenti.

   e. Illi sa fejn taf is-socjeta’ rikorrenti, is-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex eccezzjonijiet validi xi tressaq ghat-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti.

   f. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

3. Għaldaqstant, is-soċjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

   (i) Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegħ ghall-finijiet tal-Artikollu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ii) Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjetá attrici fis-somma ta' wiehed u sittin elf, erba' mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€61,451.81) kif hawn fuq deskritt;

(iii) Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetá konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont hawn fuq indikat ta' wiehed u sittin elf, erba' mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€61,451.81);

U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru 1276/22 oltre l-imghax legali skont il-ligi kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attrici Polidano Brothers Limited datat tmintax (18) ta' Ottubru 2022;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe kopja tal-istatement of accounts tas-socjeta' esponenti (**Dok PB1**) u kopja tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1276/2022 (**Dok PB2**).

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tal-ghoxrin (20) ta' Ottubru 2022 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tat-Tlieta 15 ta' Novembru 2022 fid-9:05am, b'ordni lis-socjeta' konvenuta sabiex tidher f'dik il-ġurnata u twieġeb għat-talba tas-soċjeta' attrici u, li fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi sabiex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attrici;

7. Rat illi s-socjeta' konvenuta giet notifikata bir-rikors guramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru 2022 fejn thalliet kopja tal-istess f'idejn Rachel Massa u dan skond kif jirrizulta mir-riferta tal-Marixall Charles Cassar a fol. 13 tal-atti.

8. Rat illi fis-seduta tal-hmistax (15) ta' Novembru 2022 is-socjeta' konvenuta debitament notifikata msejha diversi drabi ma dehritx.

9. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

10. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

11. Fl-ewwel lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa';

12. Fit-tieni lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' wiehed u sittin elf, erba' mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€61,451.81) rapprezentantanti bilanc ta' prezz ta' materjal tal-kostruzzjoni.

13. Il-Qorti tqis ukoll illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tħallas lis-socjeta' attriċi l-istess ammont u dan skont dak indikat u konfermat bil-ġurament minn Enrique Sacco in raprezentanza tas-socjeta' attrici liema fatt <u>ma ġiex kontestat mis-socjeta' konvenuta minkejja illi ngħatat minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilu mil-liġi sabiex tagħmel dan</u>;

14. In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tas-socjeta' attrici għall-ħlas tal-ammont indikat aktar il-fuq ghall-bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni hija ġustifikata stante illi tirriżulta pruvata;

15. F'dak illi jirrigwarda t-talba tal-attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

16. Il-każ odjern si tratta dwar ħlas ta' bilanc ta' prezz ta'materjal ta' kostruzzjoni u ghalhekk ta' obligazzjoni ta' natura kummercjali u jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) suċitat.

**Decide**

17. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma wiehed u sittin elf, erba' mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€61,451.81) rapprezentantanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni;

(iii) **<u>Tordna</u>** lis-socjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attrici s-somma ta' wiehed u sittin elf, erba' mija u wiehed u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€61,451.81), bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju 1276/2022 a karigu tas-socjeta' intimata Grima Concrete Suppliers Ltd.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**